biża', sab lill-bniedem tal-ħlewwa.... id-disinn tan-Nawfraġju issa jidher ċar u safi.

Meta l-appostlu Pawlu u l-isqof Publju jkunu temmew il-missjoni tagħhom, itemmu ħajjithom ukoll bil-martirju; l-wieħed, l-appostlu tal-qawwa, fil-belt ta' Ruma, fil-qalba ta' l-imperu mwaqqaf bil-qawwa ta' l-armi u bil-qawwa tar-rieda; l-ieħor, l-isqof tal-ħlewwa, fil-belt ta' Ateni, il-qalba ta' l-imperu tal-għerf u tal-poeżija.

DUN KARM

## Il-Lupu u l-Mogħża

Darba Lupu, jħuf għall-kaċċa,
Għeja kien bil-ġiri, nfileġ;
Lemaħ Mogħża tirgħa f'wileġ,
Biex jaħtafha kien mitluf!

U qalilha :— Kemm hawn mergħa
Tajba, bnina, f'dan il-wita...
Demmi f'rasi nħoss kull mita
Lejk inħares f'dawk it-truf!....

Għax nistħajlek sa tiġġarraf!
—Qiegħed tibża', għax tarani
F'tarf l-irdum,.... jew trid tiblagħni,
Qaltlu l-mogħża, ja qarrieq!?

"Meta l-flien, bla ma titolbu,
tara minnu ġid, jew ħniena,
Ara tkunx moħbija l-ħjiena,
Biex jgħabbik b'xi deni rqiq!"

R. M. B.

## Kliem Malti li f'Ilsna oħra ta' l-Ewropa iktarx m'hemmx il-kelma li taqbel miegħu.

Fit-taħdita li kont qrajt fl-1 ta' Marzn 1925 fil-Palazz De la Salle "Xinhu il-Malti safi", jien kont semmejt li waħda mill-ħwejjeġ li jixhdu l-faqar tal-vokabularju malti hu n-nuqqas ta' kliem li jfisser il-ħsibijiet *astratti*, kif ukoll in-nuqqas ta' kliem li għandu tifsir li jixxiebah (*sinonimi*). Inħallu barra l-kliem ġdid tas-sengħa, fosthom tal-baħar, ta' l-arti u tax-xjenzi, li daħal fil-Malti minn żmien in-Nor-manni 'l hawn,bħalma nsibu li fi żmien wieħed dan il-kliem kien daħal ukoll f'ilsna ta' l-artijiet ta' l-Ewropa, bħal fit-Taljan, fil-Franċiż, eċċ.; naraw iżda, li dan in-nuqqas ta' kliem ma nsibulhx hekk minnufih fi kliem ieħor bikri, jiġifieri f'dak il-kliem li bih jitfissru ħwejjeġ nturali jew ħwej-jeġ materjali ta' ħtieġa ewlenija għall-bniedm, bħalma huma dawk li jidħlu fil-biedja, fil-mergħa, fl-insiġ, eċċ. Il-Malti, bħala fergħa ta' wieħed mill-ilsna bikrija, kellu, u għad għandu, kliem bħal dawn li f'ilsna oħra bħal-Latin, Taljan u Franċiż, u magħhom l-Ingliż, iktarx jitfisser *b'iżjed minn kelma waħda*, ngħidu aħna, b'verb u b'nom jew b'xi verb, pre-posizzjoni, aġġettiv eċċ. jew b'xi rabta ta' kliem ieħor. Bosta minn dawn il-kelmiet il-lum ma għadhomx f'ħalq in-nies u flokhom daħlu oħrajn mislufin minn ilsna oħra iktar imħarrġin u din hija waħda mill-ħtijiet li għaliha il-lsien malti ftaqar ukoll minn xi kliem.

Kliem ta' din il-għamla iktarx insibuh fi qwiel qodma ta' lsienna—qwiel li jixhed l-ifdal tal-lsien malti f'ħalq il-poplu ta' dwar millinqas sitt mitt sena ilu. Fost dawna jiena kont semmejt xi 45 kelma minn fost xi 200 li kont ġbart. Il-lum jien bi ħsiebni nsemmi l-biċċa l-kbira ta' dan il-kliem li bħalma għidt ma nsibuhx hekk dlonk imfisser b'kelma waħda f'ilsna oħra li mhumiex ta' fergħa semitika; u biex wieħed jifhem u jiżen u jistaħreġ aħjar, miegħu inżid daqsxejn ta' tifsira bil-malti, u għall-bżonn bil-Latin, bl-Ingliż jew bit-Taljan. Fejn jidhirli, inxebbhu wkoll ma' l-egħruq tal-Għarbi bħala wieħed mill-ilsna ħajjin tan-nisel semitiku, kif ukoll ma' xi kliem Lhudi li jaqbel miegħu.

BAD jew BIED.—*Ovo pono. To lay eggs. Far uova.* Minn dan il-verb: *bajd, bajda.* Għarbi: *bâd.* Lhudi: *bejs*, bajd. Għerq *b-j-s*, kien abjad, *to be white.*